Ħarġa numru 24: Settembru, 2014



# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Nibda b'kumment li Roberto Saviano għamel fuq fb fl-20 ta' Awwissu 2014 dwar il-qtil tal-ġurnalista *freelance* Amerikan ta' 40 sena, James Foley, min-naħa tal-jiħadisti sunniti: "Ancora sangue innocente. E ancora viene scelto come bersaglio chi racconta, perché raccontare è pericoloso più di qualsiasi tritolo."

Dan iwassalni għat-tieni ħsieb. Il-kittieba għandhom ikunu residenti regolari, anzi permanenti, fl-iskejjel, fil-libreriji pubbliċi, fil-ħwienet tal-kotba, fis-swali tal-kunsilli lokali u f'postijiet pubbliċi oħrajn. Hekk biss tikber u tixxerred l-imħabba għall-qari u għall-ktieb. Hekk biss is-suq tal-ktieb, in partikolari tal-ktieb Malti, jissaħħaħ dejjem iktar. Hekk biss inkunu nistgħu ngħidu li dak tagħna huwa poplu matur fil-ħsieb, mela poplu li jaħseb b'moħħu u għandu sens kritiku, jaf verament jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, jirrispetta lil ta' madwaru, u ma jibżax isemma' leħnu fejn ikun jeħtieġ bla ma jitmexxa minn imnieħru.

Mhix ħaġa ġdida li ċerti kittieba jiġu mistiedna kultant żmien fl-iskejjel jew f'sedi partikolari biex jitkellmu ma' studenti u l-pubbliku. Imma dawn huma okkażjonijiet rari. Li qed ngħid hu li għandu jkun hemm struttura apposta - struttura ġusta - li tiġbor fiha numru llimitat ta' kittieba differenti, ta' kompetenzi, interessi u ġeneri letterarji differenti, u li tkun tista' torganizza fuq bażi regolari laqgħat fejn il-poplu, partikolarment it-tfal u ż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jiġu wiċċ imb wiċċ u jitkellmu ma' min qed jikteb u jippubblika l-ktieb Malti llum dwar kwistjonijiet kemm "żgħar" kif ukoll "kbar".

Hawn m'iniex nirreferi biss għall-kittieba li ilhom żmien twil li sabu n-niċċa tagħhom minħabba merti letterarji jew minħabba raġunijiet oħra u li ilhom igawdu miż-żejża ġeneruża u selettiva ta' għejun differenti anki minħabba kuntatti favorevoli. Qed nirreferi għal kittieba ta' kull livell, anki dawk li xogħlijiethom mhumiex fuq quddiem nett bħala livell letterarju.

Nafu li l-parti kbira tal-qarrejja tieħu gost bil-qari ta' xi rumanz jew versi sempliċi, bla ħafna kumplikazzjonijiet u toqol ta' xbihat ċerebrali jew ingaġġ psiko-soċjali. Hawn il-qari jservi fuq kollox bħala mistrieħ. Hemm min se jgħid li lill-poplu agħtih il-medjokri u jikkuntenta. Li qed ngħid jien hu li biex tixxerred l-imħabba għall-qari u għall-ktieb hemm livelli differenti li l-qarrej jeħtieġ jgħaddi minnhom; ħadd ma telaq jiġri qabel ma tgħallem jimxi. U s-sempliċi għandu jkun fażi li wieħed eventwalment joħroġ minnha biex wara jgħaddi għal xogħlijiet iktar *engagé*. Fuq kollox hija esperjenza pożittiva tassew id-djalogu-konfront dirett kemm mal-kittieba differenti, kif ukoll bejn l-istess qarrejja. U hawn għandhom rwol ewlieni anki l-kritiċi kif ukoll l-Università.

# L-AĦBARIJIET

**LEJLA TA' POEŻIJA FLIMKIEN MA' POETESSA MILL-ITALJA**

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju, l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla ta' Poeżija fis-sala ewlenija tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, fil-Furjana. Waqt din il-lejla nqraw poeżiji b'ilsna differenti minn membri tal-Għ.P.M. Iċ-ċentru tal-lejla kienet it-tnedija tal-ġabra ta' poeżiji CON GLI OCCHI DEL CUORE (2014) tal-poetessa Taljana minn Morbegno (Sondrio, Lombardia), Paola Mara De Maestri. Din kienet it-tieni darba li De Maestri pparteċipat f'lejla ta' poeżija mtellgħa mill-Għ.P.M. L-aħħar darba kien fl-2009 fir-Razzett tal-Markiż Tabone, fil-Mosta. Inqrat bijografija qasira tal-poetessa mill-membru u poeta Emmanuel Attard Cassar u aktar tard Patrick Sammut - li kiteb l-introduzzjoni kritika għal dan il-ktieb - intervistaha f'rabta mal-ġabra poetika ġdida tagħha. Preżenti kien hemm ukoll l-artist u għalliem tal-Arti u Storja tal-Arti, Hilary Spiteri, li ħa ħsieb it-tpinġijiet li jakkumpanjaw il-poeżiji ta' De Maestri. Waqt il-lejla l-President tal-Għ.P.M., is-Sur Charles Magro, għamel id-diskorsi tal-ftuħ u tal-għeluq, Miriam Ellul, l-URP tal-Għaqda, mexxiet il-lejla, filwaqt li Ray Ellul ipprovda l-intervalli mużikali permezz tal-kitarra.



**Paola Mara De Maestri, Patrick Sammut u Hilary Spiteri.**

**ANNIVERSARJU ĠUŻÈ CHETCUTI**

Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu 2014, l-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Għaqda Poeti Maltin u l-Għaqda Filantropika Talent Mosti, tellgħu Lejla Mużiko-Letterarja f'ġieħ il-kittieb u poeta Ġużè Chetcuti li proprju din is-sena jagħlaq mitt sena minn twelidu. Il-ftuħ sar mill-President tal-Għ.P.M., Charles Magro, li tkellem dwar Chetcuti bħala Poeta, Rumanzier u Drammaturgu, imma anki bħala bniedem li ddedika ħajtu lill-Ilsien Malti. Saviour Camilleri ta ħjiel bijografiku ta' Ġużè Chetcuti, filwaqt li l-Prof. Oliver Friggieri tkellem dwar il-Proża Realista ta' Chetcuti. Patrick Sammut qara diskors bl-isem ta' "Malta bejn il-glorja tal-imgħoddi u l-apatija u l-indifferenza tal-preżent" f'rabta mal-poeżija ta' Chetcuti, filwaqt li Mons. Victor Grech tkellem dwar xi tifkiriet tiegħu dwar il-kittieb minn Bormla. Waqt is-serata nqraw għadd ta' kitbiet ta' Ġużè Chetcuti, fosthom poeżiji bħal *Hekk Hi l-Ħajja*, *F'Shelter*, *Il-Qniepen tar-Rebħa*, *Matul is-Snin tal-Ħajja*, *Id-Dawl Qed Jgħib*, u *Għamja*, u kitbiet oħra bħal *It-Testment*. Il-qari sar minn Salv Sammut, Yana Psaila, Carmel Bianchi, Dr. George Farrugia, Joseph P. Borg, Rita Saliba, Jane Micallef, Charles Mifsud u Therese Pace. Il-kantawtur Walter Micallef ipprovda l-intervalli mużikali. L-għeluq kien f'idejn is-Segretarju tal-Akkademja tal-Malti, Joe P. Borg. Wara kien hemm riċeviment żgħir. Il-post fejn seħħet din is-serata kien iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Kultura, ir-Razzett tal-Markiż Tabone fil-Mosta.



**Charles Magro jindirizza lill-pubbliku preżenti għas-serata f'ġieħ Ġużè Chetcuti.**

**BIEGANSKI ART FESTIVAL**

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Awwissu xi kittieba minn *Inizjamed* kienu parti mill-*Bieganski Art Festival* li ttella' għall-ewwel darba fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta. Il-wirja tal-arti kienet miftuħa mid-9 a.m. sad-9 p.m. filwaqt li s-serata ta' qari bdiet fit-8 p.m. Il-kittieba li qraw xogħolhom kienu Clare Azzopardi, Claudia Gauci, Leanne Ellul, Keith Borg, Maria Ganado, Simone Inguanez, Priscilla Cassar, Walid Nabhan u Nadja Mifsud. Matul is-serata kien hemm ukoll daqq ta' mużika jazz minn Effie Azzopardi u David Grech.

# L-AĦBARIJIET

## FILM FRANĊIŻ B'SOTTOTITLI MALTIN

Nhar it-Tnejn, l-4 ta' Awwissu fid-9 p.m. seħħet waħda mis-serati tal-*Evenings On Campus* li kienet iddedikata għal film ieħor magħruf sottotitolat bil-Malti, LE HAVRE, tad-Direttur Aki Kaurismäki. Id-Dipartiment tat-Traduzzjoni tal-Università ta' Malta ħa ħsieb it-traduzzjoni tas-sottotitli, xogħol tal-istudenta Emanuela Vella taħt is-superviżjoni ta' Dr Toni Aquilina.

## ADRIAN GRIMA Fl-AWSTRALJA, MISTIEDEN TAL-GRUPP LETTERATURA MALTIJA

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Lulju, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, organizza programm letterarju biex ta merħba lill-awtur u poeta Malti, Dr Adrian Grima, li tela' Melbourne fuq btala. Dan seħħ fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Paul Vella, PRO tal-Grupp u li kien ilu f'kuntatt ma' Dr Grima minn żmien qabel, fetaħ il-programm. Wara, il-President tal-Grupp, Dr Victor Sammut, tkellem dwar il-Grupp u qal li x-xogħol tiegħu hu li jkabbar l-użu tal-Ilsien Malti u l-kultura Maltija. Dr Grima qara kemm poeżiji kif ukoll siltiet ta' proża minn tiegħu. Il-programm kien imżewwaq anki b'qari ta' xogħlijiet letterarji minn membri tal-Grupp u anki minn interventi mużikali. Dr Victor Sammut, f'isem il-Grupp ippreżenta xi kotba bil-Malti li juru x-xogħol tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria u Adrian ippreżenta xi kotba minn tiegħu għal-librerija taċ-Ċentru Malti. Paul Vella ħa l-okkażjoni biex jieħu lil Adrian Grima fil-librerija taċ-Ċentru Malti li hi meqjusa l-ikbar librerija ta' kotba bil-Malti barra minn Malta.



Adrian Grima waqt il-lejla mtellgħa mill-Grupp Letteratura Maltija.

## TOĦROĠ ANTOLOĠIJA TA' LETTERATURA MALTIJA FL-INGILTERRA

Fis-sensiela internazzjonali ta' kotba *Lesser Used Languages of Europe* (maħruġa minn Francis Boutle Publishers ta' Londra – email:info@francisboutle.co.uk), is-sitt volum huwa *This Fair Land – An Anthology of Maltese Literature*, editjat minn Charles Briffa b'daħla minn Oliver Friggieri (editur tas-sensiela: Alan M. Kent, 2014 – ISBN 978 1 903427873), 525 pp. Din l-antoloġija, li għadha kemm ħarġet f'Awwissu, turi l-iżvilupp tal-moħħ Malti matul iż-żminijiet u għaldaqstant tiċċelebra l-isforzi intellettwali tal-Maltin. Hija ġabra komprensiva ta' madwar 200 test bil-Malti akkumpanjati minn traduzzjonijiet friski bl-Ingliż. Mill-għajdut orali tas-sekli mgħoddija u l-ftit kitbiet bikrin bil-Malti sal-esperimenti u t-taħbit biex il-Malti jibqa' ħaj tas-sekli tmintax u dsatax u l-kisbiet kbar fil-kitba bil-Malti tas-sekli għoxrin u wieħed u għoxrin, *This Fair Land* jesplora l-isforzi ta' kittieba individwali u joffri ġrajja ċara tal-atmosfera storika wiesgħa li sawret l-espressjoni miktuba. Poeżija, proża, drama, kitba reliġjuża, artikli ġurnalistiċi, testi storiċi, siltiet xjentifiċi, espożizzjonijiet kulturali – kollha juru l-evoluzzjoni tal-lingwa li għal sekli sħaħ kienet imwarrba mill-ħakkiema barranin u mill-Maltin tal-klassijiet għolja, imma baqgħet ħajja bis-saħħa u r-rieda tal-Maltin il-baxxi ta' bla edukazzjoni. Il-kitbiet bil-Malti magħżula u t-traduzzjonijiet friski bl-Ingliż juru l-moħħ Malti fi żminijiet differenti u juru x'kellu ħila jikseb dan l-ilsien minkejja l-iżvantaġġi politiċi u ideoloġiċi li kienu joħonquh. Din il-ġrajja tal-Malti (l-unika lingwa Semitika indiġena li għandha l-Ewropa) qed tixxandar mad-dinja kollha f'sensiela internazzjonali li tqabbilha ma' lingwi maħqura oħra.




***This Fair Land***
**Qoxra**

# L-INTERVISTA

## Mark Sammut dwar ktieb ġdid miktub mill-mibki missieru, Frans Sammut

**IL-PONT *QED IKUN L-EWWEL IMKIEN FEJN QED TITĦABBAR IL-PUBBLIKAZZJONI TA' XOGĦOL ĠDID U POSTUMU TAL-KITTIEB FRANS SAMMUT, BL-ISEM TA' ĠRAJJET IT-TAGĦLIM F'MALTA.* IL-PONT *B'INTERVISTA ESKLUSSIVA MA' IBEN IL-KITTIEB ŻEBBUĠI.***

**Intqal li dan il-manuskritt instab b'kumbinazzjoni f'kompjuter antik li missierek kien juża għal xi snin. Kien l-uniku dokument li rnexxielkom issalvaw minn *hard disk* sħiħa. X'ħassejt inti u taqra dan il-manuskritt għall-ewwel darba?**

Iva, meta ġie nieqes il-papà naturalment bdejna naraw ftit x'kien hemm fost il-karti tiegħu. Hu proċess li għadna għaddejjin bih, għax hemm minjiera sħiħa ta' aktar minn 40 sena ta' riċerka u kitbiet. Fittixna fil-kompjuters ukoll. Il-papà kien għamel żmien twil jikteb fuq Macintosh, u mbagħad qaleb għal PC. Dan il-manuskritt (*Ġrajjet it-Tagħlim*) sibnieh appuntu fuq il-Macintosh. Bdejna naqrawh ħija u jien, u f'ħin bla waqt mietet il-hard disk. Tista' timmaġina l-qatgħa! Il-kompjuter ħadnieh għand tekniku, u dan il-manuskritt biss irnexxielna nsalvaw minn hard disk sħiħa. Agħar minn hekk, ma konniex ilħaqna rajna x'kien hemm iktar fuqha dik il-hard disk. It-tekniku tana diversi faljs, imma kollha kienu korrotti wisq biex taqrahom. Dal-ktieb irnexxielna naqrawh minkejja li t-test tiegħu wkoll saritlu xi korruzzjoni fid-data tiegħu, għad li ma kinitx biżżejjed biex ma naqrawhx.
Ħija u jien konna nafu li l-papà jikteb iktar minn kemm jippubblika. Dwar dan ma konniex sorpriżi. Imma naturalment, l-emozzjoni kienet kbira, għax sibna dokument li ma konniex nafu bih. Qisek erġajt tkellimt miegħu, għax hu diskors ġdid, biex ingħid hekk [...]

**Meta nkiteb bejn wieħed u ieħor?**

Inkiteb, fil-fehma tiegħi, bejn l-2003 u l-2004 [...] Però naħseb li kien ilu jiġma' l-materjal. Donnu dan kien il-metodu tal-papà. Bħalmeta kien dam snin twal jiġma' l-materjal għal *Il-Ħolma Maltija*. Jien naħseb li l-materjal beda jibnih ftit ftit wara li kiteb *Bonaparti f'Malta*, li ħareġ fl-1997. Imbagħad beda jaħdem fuq il-*Lexicon* u *Għajdun il-Għaqal*, ta' Vassalli, u taf kif inhi r-riċerka ... waqt li qed taħdem fuq suġġett wieħed tibda ssib il-materjal għal ħafna suġġetti oħra. Ir-riċerka mxiet bil-mod għax sadattant ħareġ żewġ kollezzjonijiet ta' novelli (*Newbiet* u *Ħrejjef Żminijietna*) u kiteb ktieb dwar San Ġorġ Preca, ieħor ta' attwalità, u ieħor dwar San Filep, barra milli ttraduċa ktieb dwar l-Istorja ta' Ħaż-Żebbuġ. U naħseb dan hu li ġara anki bit-Tieni Volum. Fis-sens li jekk għandi raġun jien u l-Ewwel Volum beda jiktbu fl-1998, ħadlu 6 snin u lestieh fl-2004 għax kien għaddej b'ħafna xogħol ieħor, allura t-Tieni Volum bdieh fl-2004 jew 2005 u kien għadu għaddej jaħdem fuqu fl-2011 meta miet [...]

**Għaliex qarrej għandu jixtri dan il-ktieb bla jaħsibha darbtejn?**

Għax il-ktieb jitfa' dawl mhux biss fuq it-tagħlim *per se*, fuq l-Edukazzjoni, imma hu interpretazzjoni interessanti ta' ġrajjet pajjiżna. Ma setax kien mod ieħor, għax hu u jitkellem dwar l-Edukazzjoni bilfors kellu jirrakkonta x'kien għaddej minnu pajjiżna. Mela għandek dan l-element interprettattiv. U dan hu siewi wkoll għal min mhux għalliem.
Naturalment għal min hu għalliem, il-ktieb jgħin lil dak li jkun japprezza kif kien jgħix u jaħdem għalliem Malti f'ċirkostanzi storiċi differenti u kif kienet is-sistema edukattiva f'pajjiżna fi żminijiet oħrajn. Li tkun konxju dwar l-imgħoddi hu dejjem għodda utli għall-preżent u l-ġejjieni.

**Għal min hu intiż xogħol bħal dan?**

L-ewwel nett għall-għalliema Maltin u Għawdxin.
Però, hu intiż ukoll għal min jinteressa ruħu fl-istorja kulturali u politika ta' Malta.

**F'ċertu sens huwa ktieb li qed jerġa' jagħti l-ħajja lil missierek, anki permezz tal-ilsien, l-idjoma u t-teknika partikolari li kien iħobb iħaddem. Xi tgħid dwar dan?**

Iva, u dan billi għall-pubbliku hu xogħol ġdid. Bħal bosta mix-xogħlijiet l-oħrajn tal-papà li ma humiex *fiction*, il-Malti li juża hu anqas letterarju, għax aktar jixbah lill-Malti ta' kuljum. Hu għal dir-raġuni li jien nemmen li r-rumanzi u n-novelli tiegħu ma kitibhomx b'filosofija pedagoġika. B'danakollu imma, ħalli ma niftihemx ħażin, jidhirli li l-Malti ta' *Ġrajjet it-Tagħlim*, avolja mhux Malti letterarju xorta hu Malti mħaddem tajjeb. Jiġifieri, għad li r-reġistru hu differenti, it-teknika xorta hi ta' "mgħallem tas-sengħa". Jien naħseb li l-papà kellu teknika stilistika għar-rumanzi u n-novelli (it-teknika tal-awtur) u teknika oħra għax-xogħlijiet storiċi (it-teknika tal-għalliem).

**Meta se jkunu disponibbli għall-pubbliku l-ewwel u t-tieni volum ta' *Ġrajjet it-Tagħlim f'Malta*?**

L-ewwel volum, jekk il-Bambin irid, joħroġ għall-Fiera tal-Ktieb, f'Novembru li ġej.
It-tieni volum, forsi jitħajjar xi ħadd ikompli fejn ħalla l-papà.

**L-intervista sħiħa tista' tinqara hawn: http://patrickjsammut.blogspot.com/2014/09/ktieb-gdid-ta-frans-sammut-grajjet-it.html**

# RIĦA TA' TABAKK

**Miriam Ellul Costantino**

*Din hija t-tieni parti ta' novella li l-ewwel parti tagħha dehret f'IL-PONT ta' Awwissu 2014.*

Ir-riħa tat-tabakk li ħarġet mill-kexxun fakkritni wkoll f'dik il-ġurnata li fiha n-nannu ħalliena. Kellu biss tmienja u sittin sena u kienu għaddew biss erbat ijiem minn Frar tas-sena 1969. Kif ħriġt mill-iskola sibt lil missieri jistennieni ħdejn il-bandli ta' ħdejn l-iskola. Sakemm wasalna d-dar missieri ma qalx kelma waħda u deher għajjien u ħosbien. Tlajt niġri fuq u sibt lil ommi bilqiegħda fuq sodda, flimkien man-nannu, fil-kamra mdawla taz-zija Ġinni. Dakinhar in-nannu beda jbati ħafna biex jieħu n-nifs ... spallejh kienu mgħollijin 'il fuq, kważi mal-ġnub ta' wiċċu safrani u għajnejh kienu miksurin ... imma lili tbissimli. Żmien twil wara sirt naf illi dak il-ħin kien għadu kemm telaq it-tabib li ftit qabel kien tarrfilhom illi n-nannu ma kellux ħajja twila għax il-pulmun kien spiċċalu kollu bit-tipjip.

Filgħaxija ommi u missieri ġabu 'l kuġinti biex tqatta' xi jiem magħna. Ta' tfal li konna u 'l bogħod minn dak li qed jiġri fil-kamra ta' maġenbna qgħdna nilagħbu, inkantaw u nidħku. Xi kultant kien jiġi missieri u jagħmlilna sinjal biex nisktu. Matul dak il-lejl in-nannu miet.

Kien l-aħħar wieħed illi ngarr biż-żwiemel ġewwa Raħal Ġdid qabel ma bdew jieħdu l-mejtin bil-karozza. Rajthom sejrin mill-purtella tal-ġenb tal-gallarija l-kbira, filwaqt li demgħa żżerżqet tiġri sa fuq xuftejja. Niftakar 'l ommi liebsa l-iswed minn fuq s'isfel tibki u missieri b'idu fuq spallitha jipprova jsabbarha. Ħaditha bi kbira wisq ommi l-mewt ta' missierha ... kienet l-ewwel waħda li ġarrbet! Dejjem hekk baqgħet tgħid!

Il-ħoss qawwi tad-daqq tal-mowbajl malajr ġabni f'sensija u fakkarni li r-raġel tat-tifla daqt kellu jerġa' jgħaddi għalija! Ħassejtni qisni kont qomt minn xi ħolma ... għalaqt il-kexxun u bdejt nieżla t-taraġ waħda waħda. F'idi kelli kaxxa tas-sigarri li kien ħalliha n-nannu ħafna snin qabel ... iżda li kien għad għandha r-riħa qawwija tat-tabakk ... dik l-istess riħa li kienet ħarġet mill-kexxun.

**TMIEM**

**LILL-MEXXEJJA ISRAELJANI U PALESTINJANI**

Sparawhom il-missili,
sparawhom il-bombi,
imma mhux sabiex tqellu il-gwerra,
sparawhom sabiex tħabbru l-paċi,
sparawhom bil-ferħ u t-tamiet,
li teħilsu għal dejjem
mill-biża' tat-tifrik
u t-terrur tal-imwiet.

Kontu intom l-ewwel nies ixxurtjati
li smajtu bil-bxara tal-paċi,
kienet Betlem li laqgħet il-Messija,
ġo Nażżaret għaddiha t-tfulija,
u miet u rxoxta ġo Gerusalemm,
biex jeħles lill-bniedem mill-hemm.

Imma intom ma lqajtuhx,
u għadkom mehdija
fit-tixrid tad-dmija
ta' nies innoċenti
li l-gwerra jobogħduha
u qatt ma riduha.

Hi biss l-ebusija ta' raskom
u l-velenu ġo qalbkom,
il-kilba għall-ħakma tal-art,
u l-aktar,
ix-xeħħa tal-imħabba
li qatt ma ħallejtu titrabba.

Intenni, sparaw,
imma sparaw,
sabiex tiffesteġġjaw...
ir-rebħa tal-paċi.

**CHARLES MIFSUD**



# KTIEB MILL-QRIB

**Mons. Lawrenz Cachia**

**Ġorġ Borg, *Ċrieki fl-Għadira. Poeżiji 2005-2013* (Malta; 2013) 75 paġna**

Fost l-istudjużi tal-Ilsien Malti Ġorġ Borg huwa poeta magħruf sewwa u stmat ħafna. Dan li qed ngħid jixhdu l-Professur Oliver Friggieri, kritiku msemmi u poeta tajjeb huwa wkoll, li kiteb *Daħla* qasira iżda li ssarraf ħafna għal din il-ġabra ta' poeżiji. Huwa juri kif Ġorġ Borg, waqt li hu rappreżentattiv ta' żmienu, huwa wkoll poeta ta' stil kollu kemm hu partikolari u għalhekk uniku.



Borg, li llum għandu l-karta anzjan, beda jikteb il-poeżija fis-sittinijiet meta, wara li Malta saret Indipendenti, mewġa ġdida ta' kitba feġġet fuq ix-xefaq ta' pajjiżna, l-ewwel fil-poeżija, imbagħad fid-drama (Frans Ebejer) u wara wkoll fir-rumanz u n-novella. U minn dak iż-żmien ta' żgħożitu Ġorġ Borg baqa' jikteb u kultant żmien jippubblika ġabriet tal-poeżiji tiegħu.

Huma poeżiji qosra, hekk li f'paġna waħda (u mhux paġna kbira) faċli ssib żewġ poeżiji jew tlieta wkoll; iżda huwa l-każ li tgħid li l-essenza titpoġġa fi fliexken żgħar. Dan l-artist ma jpinġix fuq tila ta' erba' metri jew aktar, iżda minjaturi bħal dawk li nsibu fil-kotba lluminati, li fi spazju żgħir juru dettalji li ma kontx tobsorhom. U bħall-minjaturi l-aktar sbieħ, kollox hu mogħti lwien ħelwin u varjati l-ħin kollu.

Il-versi wkoll aktarx huma qosra, iżda ma jonqosx ir-ritmu, li mhux sterjotipat imma ħieles ħafna u mżejjen ukoll b'xi rima li, fl-aħħar vers tagħti l-impressjoni ta' dawra ta' muftieħ li taqfel jew tissiġilla l-poeżija.

Ħafna minn dawn il-poeżiji huma dwar ir-rabta bejn il-bniedem u l-ambjent naturali li jħaddnu, iżda hawn insibu rabta mhux fiżika biss, imma wkoll (biex insejħilha hekk) metafiżika. Għax meta tonfoħ iż-żiffa kulħadd iħossha, iżda huwa l-Poeta biss li jisma' u jifhem leħen dik iż-żiffa. Kull min għandu par għajnejn tajbin jara s-siġar u l-fjuri; iżda huwa biss il-Poeta li jaqra u jifhem il-messaġġ tagħhom u jgħaddih lilna b'sengħa kbira.

Ħafna oħra mill-poeżiji ta' Ġorġ Borg huma ħarsa tal-awtur lejh innifsu. Iżda din mhix ħarsa li wieħed jagħti fil-mera fejn jara biss is-sura esterna tiegħu; imma hija ħarsa fil-ġewwieni li tara u tgħarbel il-qalb u r-ruħ u tgħidilna x'sabet hemm ġew bis-sempliċità ta' tfajjel.

Il-poeżija *Il-Bewsa ta' Alla* hija waħda mill-ftit ferm li jsemmu lill-Mulej b'mod espliċitu. B'danakollu, fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-poeżiji aħna nsibu żewġ livelli: il-livell ta' fuq li hu ċar u evidenti u kulħadd jifhmu malajr. Taħtu hemm livell aktar profond li huwa l-livell spiritwali u, xi drabi, mistiku li trid tfittxu biex issibu, imma meta ssibu tifraħ bih bħala bonus prezzjuż.

Il-ktieb qed jinbiegħ biss mil-Librerija Preca tas-Soċjetà tal-Mużew fil-Blata l-Bajda. Il-prezz hu ta' 5 ewro, iżda l-valur huwa bla qies.

**IL-BEWSA TA' ALLA**

Naf tifel li tela' jixxabbat
ħafif mal-qawsalla
u fl-għoli tas-sema
fuq ġbinu ħass bewsa:
il-bewsa ta' Alla.

Dat-tifel fuq ruħu, ħarkien,
illum huwa mdaħħal fiż-żmien
iżd'għadu
ħabib tas-smewwiet u l-qawsalla
u f'qalbu għad għandu t-tifkira
tal-bewsa ta' Alla.

**ĠORĠ BORG**

# IL-POEŻIJI

**THE BALCONY**

The only balcony in our poor apartment
in the densely-populated suburb
exposed a partial view of the Grand Harbour.

Mother had a mint plant in the left end of the
balcony.
She sandwiched the herbs' leaves
between slices of Maltese bread spread
with tomatoes and olive oil.
She also added olives and pickled capers.
The capers were picked by us, during walks with
mother,
from shrubs growing at reachable heights
along the sloping bastions.

Father loved the balcony.
He slept next to its wide-open doors in the
hottest summer nights.
He painted in different colours
the elaborate iron railings.

In it bent on a stool at about age eleven
away from the bustle of my large family,
I wrote "The Walk", one of my best pieces
at that age.

Mother hung the washing
and I was always worried seeing her
stretching herself to limits to reach the
furthest line.

The balcony was a social place.
Each year in April we gathered to see the
statue of Saint Publius
being carried in procession
to shower the saint with coloured confetti.
Mother used to lower a basket to street level
for Karmenu to place in it the day's bread.

The balcony made us witness life in the suburb:
floats with euphoric football supporters
political agitated meetings
carol singing, marriages and funerals.

So much time has passed.
Mother and father have died
and us brothers have moved outside the suburb.

When I pass through Gunlayer Street
I cannot avoid the temptation of looking upwards
where mother once had her mint plant
and father slept in the summer nights.

Those days are no more.

**EMMANUEL ATTARD CASSAR**

**JIEN NAFEK**

Jien nafek
Inti tafni…
Nafek fil-kantunieri 'ndustrijali
w l-isqaqien tat-tlett ibliet
fejn tgħallimna negħrqu
u 'nsalvaw fi żlieg tal-asfalt…
Jien naf, li int taf
it-turġien u l-mogħdiji' fejn imxejt jien
għax int tafni mingħajr ma ltqajna,
ruħek taf lil ruħi
u ħsiebek jaf lil ħsiebi
għax kbirna fid-djar
bi twieqi, quddiem twieqi
u għadab, quddiem għadab…
Bejt ma' bejt…
sprall ma' sprall…
fejn għixna ħajjitna permezz ta' ħajjiet oħra
u ħlomna permezz ħaddiehor
niġru w nistaħbew fit-tlett ibliet…

Jien nafek
Inti tafni…
Għax partatna l-imfietaħ ta' vrusna
w partatna s-sigrieti ta' ħajjietna…
għax il-versi huma ċ-ċwievet tal-bibien tar-ruħ
u jekk qatt niltaqgħu
hemm il-periklu li negħrqu fl-għarfien
ta' bżonnijiet materjali…
ta' erwieħ mitlufa w misjuba…

Jien nafek minn vrusek
imma ser nibqa' nammirak mill-bogħod.

**MANUEL CASHA**
*L-Awstralja*

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***PROFILI DWAR KITTIEBA GĦAWDXIN*, ta' Joe M. Attard, KKM, 2014.**

Din hi pubblikazzjoni dwar erbgħa u ħamsin kittieb Għawdxi li għexu matul medda ta' mitt sena. Dawn jidhru skont l-ordni tat-twelid flimkien ma' taghrif dwar ħajjithom, ritratti tal-awturi u xi siltiet mix-xogħlijiet tagħhom. Il-ktieb għandu studju kritiku tal-Professur Charles Briffa. L-awtur jibda b'tagħrif dwar Monsinjur Arċidjaknu Luiġi Vella li twieled fl-1859 u jtemm is-sensiela tiegħu bil-kittieb żagħżugħ Pierre Mejlaq li twieled fl-1982. Dr Charles Briffa fid-Daħla jikteb li t-tema ewlenija hija n-natura umana. Mill-esperjenzi tal-bniedem fil-komunità tixref il-kultura li tikxef stat ta' moħħ u mod ta' ħajja u fl-isfera ta' pajjiż sħiħ, l-Għawdxin isawru taqsima essenzjali ta' dawn il-gżejjer biex jagħtu aspetti meħtieġa li jżidu mad-definizzjoni tal-kultura tan-nazzjon tagħna. Allura dan il-ktieb ta' Joe M Attard qiegħed juri ftit minn dawn l-aspetti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja letterarja; fil-viżjoni tiegħu l-letteratura tinkludi poeżija, proża, rumanz, novella, folklor, storja, drammi, xandir u ġurnaliżmu.




***ADAPTATIONS—SYMPOSIA MELITENSIA SPECIAL ISSUE NUMBER 8*, University of Malta, 2012.**

F'din il-ħarġa wieħed jista' jaqra 11-il studju dwar l-idea ta' "Adaptations" f'rabta ma' oqsma differenti. Fost dawn naqraw dwar stadji ta' adattament tal-ilsien Ingliż fl-Indja, adattamenti fl-istorjografija tal-Ospitallieri, adattament ta' bixra dekostruzzjonista f'rabta ma' xogħlijiet letterarji ta' Dun Karm Psaila u Immanuel Mifsud, il-kittieb Taljan Papini u l-Moviment Futurista fl-ewwel nofs tas-seklu 20, ir-rabta bejn *Doctor Faustus* ta' Thomas Mann u l-istorja tal-arti, u oħrajn. Il-kontributuri huma Sebastian Saliba, Vedita Cowaloosur, Giuliana Fenech, Paul George Pisani, Stephen Bonanno, Jean Buttigieg, Franco Navarro, Jean-Paul De Lucca, Arthur Muscat, Mark Debono u Ramona Grech. *Adaptations—Symposia Melitensia* għandu Daħla mill-editur, Dr Norbert Bugeja.




***SANDRA* ta' Alfred Palma, Pubblikazzjoni Minn Taħt it-Tapit, 2014.**

Dan huwa t-tielet rumanz li Palma ħareġ fi żmien qasir. L-istorja tinfirex fuq 112-il paġna u tinqasam f'24 kapitlu. Mill-ġdid l-awtur jippreżenta "l-ħajja kif inhi: reali, kiefra, bla ħniena, illużorja, ħajja li quddiemha l-ipokresija għandha tiħmar u taħbi wiċċha, u ma tħalli l-ebda lok għal kompromessi." Hawn naqraw dwar "il-ħajja kif inhi, iżda kif ma rridux li nammettu li hi, u li nikinsu taħt it-tapit tal-etika soċjali, morali u reliġjuża, biex ma nemmnux li teżisti!" Matul dan il-proċess il-ħajja hi dejjem rebbieħa filwaqt li t-tellief hu dejjem il-bniedem. Dan huwa t-tieni edizzjoni tar-rumanz oriġinali *Aħfrilna Dnubietna* (1996), imma b'isem ġdid. Iċ-ċirkostanzi u ż-żminijiet llum inbidlu u għalhekk hawn Palma jħossu iktar ħieles fejn qabel żamm ċerti restrizzjonijiet f'ċerti passaġġi erotiko-sesswali. Bħala parti mill-illużjoni li tiġġebbed minn sitwazzjoni għal oħra, Palma jintroduċi karattri ġodda, bi ħsus differenti; flimkien ikomplu jsaħħu l-element traġi-komiku li huwa s-sisien tal-umanità nfisha.